Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Sajd

2025/0235(COD)

12.5.2026

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni bħala parti mill-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali stabbilit fir-Regolament (UE) [il-Fond SNR] għall-perjodu mill-2028 sal-2034
(COM(2025)0559 – C10-0171/2025 – 2025/0235(COD))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Niclas Herbst

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 41

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni bħala parti mill-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali stabbilit fir-Regolament (UE) [il-Fond SNR] għall-perjodu mill-2028 sal-2034 (COM(2025)0559 – C10-0171/2025 – 2025/0235(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0559),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 42, l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 91(1), l-Artikolu 100(2), l-Artikolu 173(3), l-Artikolu 175, l-Artikolu 188, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2), l-Artikolu 195(2) u l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0171/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja maħruġa mill-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati preżentati mill-Bundesrat Ġermaniż, il-Parlament Irlandiż, il-Parlament Spanjol u s-Senat Rumen, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-21 ta' Jannar 2026[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ta'... [2],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 58 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A10-0000/2026),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-

[1] ĠU C, C/2026/1965, 28.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/1965/oj.
[2] ĠU C ... / Għadha mhijiex ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ***tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni*** bħala parti mill-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali stabbilit fir-Regolament (UE) [il-Fond SNR] għall-perjodu mill-2028 sal-2034	li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ***tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura*** bħala parti mill-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali stabbilit fir-Regolament (UE) [il-Fond SNR] għall-perjodu mill-2028 sal-2034

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42, l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 91(1), l-Artikolu 100(2), l-Artikolu 173(3), ***l-Artikolu*** 175, l-Artikolu 188, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2), l-Artikolu 195(2) u l-Artikolu 349 tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42, l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 91(1), l-Artikolu 100(2), l-Artikolu 173(3), ***l-Artikoli 174 u*** 175, l-Artikolu 188, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2), l-Artikolu 195(2) u l-Artikolu 349 tiegħu,

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi wkoll għall-attivitajiet kif stabbiliti ***fil-Patt Ewropew għall-Oċeani*** u jikkontribwixxi għall-objettiv tal-Unjoni tas-sostenibbiltà tal-oċeani tagħna, u l-mira tan-newtralità klimatika, is-sostenibbiltà, il-kompetittività u r-reżiljenza tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tal-Unjoni Ewropea, is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-ekonomija blu Ewropea, ir-reżiljenza tal-komunitajiet kostali u tal-gżejjer, kif ukoll ir-reġjuni ultraperiferiċi, u t-titjib tal-governanza tal-oċeani u l-osservazzjoni tal-oċeani, inkluż permezz ta' Copernicus, u tal-Programm ta' Osservazzjoni tad-Dinja tal-Unjoni u s-servizzi tiegħu relatati mal-baħar.	(2) L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi wkoll għall-attivitajiet kif stabbiliti ***fil-Politika Komuni tas-Sajd*** u jikkontribwixxi għall-objettiv tal-Unjoni tas-sostenibbiltà tal-oċeani tagħna, u l-mira tan-newtralità klimatika, is-sostenibbiltà, il-kompetittività u r-reżiljenza tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tal-Unjoni Ewropea, is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-ekonomija blu Ewropea, ir-reżiljenza tal-komunitajiet kostali u tal-gżejjer, kif ukoll ir-reġjuni ultraperiferiċi ***(ORs) u t-territorji ekstra-Ewropej (OTs)***, u t-titjib tal-governanza tal-oċeani u l-osservazzjoni tal-oċeani, inkluż permezz ta' Copernicus, u tal-Programm ta' Osservazzjoni tad-Dinja tal-Unjoni u s-servizzi tiegħu relatati mal-baħar ***u t-Tewmi Diġitali Ewropew tal-Oċean (EU-DTO)***.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali jenħtieġ li ***jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi*** ambjentali, ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi ***tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS),*** kif stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-	(3) Il-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali jenħtieġ li ***jkun konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità u jkun konsistenti mal-objettivi tal-kisba ta' benefiċċji*** ambjentali, ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi ***u li jikkontribwixxi għad-***

Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] . Dan l-appoġġ jenħtieġ li jiżgura li l-attivitajiet tas-sajd ikunu sostenibbli fit-tul u jkunu ġestiti b'mod li jkun konsistenti mal-objettivi kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament tal-PKS.	***disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel*** kif stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] . Dan l-appoġġ jenħtieġ li jiżgura li l-attivitajiet tas-sajd ikunu sostenibbli fit-tul u jkunu ġestiti b'mod li jkun konsistenti mal-objettivi kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament tal-PKS.
[3] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj).	[3] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj).

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-inizjattivi stabbiliti fil-qafas tal-Patt Ewropew għall-Oċeani jeħtieġ li jiġu appoġġati u promossi b'investimenti u finanzjament minn sorsi privati u pubbliċi. Approċċ integrat għall-finanzjament u għall-politiki rilevanti għall-oċeani ***se*** jkopri firxa wiesgħa ta' elementi bħalma huma: il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar bħala waħda mill-ħames kompetenzi esklużivi tal-UE, il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni u l-innovazzjoni fl-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura mmirati lejn is-sostenibbiltà u r-reżiljenza ta' dawn is-setturi, l-attivitajiet dwar l-implimentazzjoni tal-PKS, it-tiġdid	(4) L-inizjattivi stabbiliti fil-qafas tal-Patt Ewropew għall-Oċeani***, li jagħtu prijorità lil dawk li jappoġġaw is-sajd u l-akkwakultura sostenibbli,*** jeħtieġ li jiġu appoġġati u promossi ***b'mod attiv*** b'investimenti u finanzjament minn sorsi privati u pubbliċi. Approċċ integrat għall-finanzjament u għall-politiki rilevanti għall-oċeani***, komplementari għal finanzjament delimitat għall-politiki tas-sajd u l-akkwakultura fil-QFP u li jippreżerva l-integrità ta' tali finanzjament jista'*** jkopri firxa wiesgħa ta' elementi bħalma huma: il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar bħala waħda mill-ħames kompetenzi esklużivi tal-UE,

ġenerazzjonali, l-għarfien u l-osservazzjoni tal-oċeani, is-sigurtà marittima, is-sigurtà tal-ikel, l-iżvilupp u l-espansjoni ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, inkluż iżda mhux limitati għall-enerġija lil hinn mill-kosta u tal-oċeani, il-bijoteknoloġija u d-desalinazzjoni, is-salvagwardja tal-wirt kulturali ta' taħt l-ilma u kostali, l-appoġġ għal setturi u industriji oħra tal-ekonomija blu biex isiru newtrali għall-klima, l-użu ta' soluzzjonijiet intelliġenti u b'emissjonijiet żero, l-ibbażar fuq ix-xjenza u l-Istrateġija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni dwar l-Oċeani kif ukoll l-appoġġ għall-ippjanar tal-ispazju marittimu u l-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar kif ukoll l-iżvilupp territorjali sostenibbli u reżiljenti tal-komunitajiet kostali, tal-gżejjer u ***tar-reġjuni ultraperiferiċi***.

il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni u l-innovazzjoni fl-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura mmirati lejn is-sostenibbiltà u r-reżiljenza ta' dawn is-setturi, l-attivitajiet dwar l-implimentazzjoni tal-PKS, it-tiġdid ġenerazzjonali, l-għarfien u l-osservazzjoni tal-oċeani, is-sigurtà marittima, is-sigurtà tal-ikel, l-iżvilupp u l-espansjoni ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, inkluż iżda mhux limitati għall-enerġija lil hinn mill-kosta u tal-oċeani, il-bijoteknoloġija u d-desalinazzjoni, is-salvagwardja tal-wirt kulturali ta' taħt l-ilma u kostali, l-appoġġ għal setturi u industriji oħra tal-ekonomija blu biex isiru newtrali għall-klima, l-użu ta' soluzzjonijiet intelliġenti u b'emissjonijiet żero, l-ibbażar fuq ix-xjenza u l-Istrateġija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni dwar l-Oċeani kif ukoll l-appoġġ għall-ippjanar tal-ispazju marittimu u l-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar kif ukoll l-iżvilupp territorjali sostenibbli u reżiljenti tal-komunitajiet kostali, tal-gżejjer***, tal-ORs*** u ***tal-OTs***.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Is-sajd kostali fuq skala żgħira ***jitwettaq minn bastimenti tas-sajd tal-baħar u tal-ilmijiet interni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru u li ma jużawx irkaptu rmunkat, u mis-sajjieda tal-miexi, inkluż dawk li jiġbru l-frott tal-baħar bil-qoxra. Dak is-settur*** jirrappreżenta kważi 75 % tal-bastimenti tas-sajd kollha rreġistrati fl-Unjoni u kważi nofs l-impjiegi kollha fis-settur tas-sajd u jikkostitwixxi	(5) Is-sajd kostali fuq skala żgħira jirrappreżenta kważi 75 % tal-bastimenti tas-sajd kollha rreġistrati fl-Unjoni u kważi nofs l-impjiegi kollha fis-settur tas-sajd u jikkostitwixxi parti importanti min-nisġa ekonomika taż-żoni kostali. L-operaturi tas-sajd kostali fuq skala żgħira jiddependu b'mod partikolari fuq ***l-aċċess għal żoni tas-sajd u*** stokkijiet tal-ħut f'saħħithom għall-introjtu ewlieni tagħhom. Għalhekk,

parti importanti min-nisġa ekonomika taż-żoni kostali. L-operaturi tas-sajd kostali fuq skala żgħira jiddependu b'mod partikolari fuq stokkijiet tal-ħut f'saħħithom għall-introjtu ewlieni tagħhom. Għalhekk, il-bżonnijiet partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira, u l-kontribut għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali tal-operazzjonijiet tas-sajd, kif definiti fir-Regolament tal-PKS 1380/2013 jenħtieġ jiġu indirizzati fil-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (SNR), kif stabbilit fl-Artikolu 22 tar-[Regolament SNR].

il-bżonnijiet partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira, u l-kontribut għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali tal-operazzjonijiet tas-sajd, kif definiti fir-Regolament tal-PKS 1380/2013 jenħtieġ jiġu indirizzati fil-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (SNR), kif stabbilit fl-Artikolu 22 tar-[Regolament SNR].

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Bl-għan li ***titheġġeġ*** prattika tas-sajd sostenibbli, l-Istati Membri jenħtieġ jimmiraw li jagħtu lill-operaturi tas-sajd kostali fuq skala żgħira ***trattament preferenzjali, permezz ta'*** rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 %.	(6) Bl-għan li ***tiġi mmodernizzata l-flotta, jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sikurezza abbord il-bastimenti, u jiġi appoġġat l-investiment f'teknoloġiji tal-Unjoni li jħeġġu*** prattika tas-sajd sostenibbli, l-Istati Membri jenħtieġ jimmiraw li jagħtu lill-operaturi***, b'mod partikolari*** tas-sajd kostali fuq skala żgħira rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 %.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati	(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati

Membri jenħtieġ iqisu l-attivitajiet stabbiliti ***fil-Patt Ewropew għall-Oċeani*** għall-konservazzjoni u r-restawr tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.	Membri jenħtieġ iqisu l-attivitajiet stabbiliti ***fil-Politika Komuni tas-Sajd u politiki oħra relatati mal-oċeani*** għall-konservazzjoni u r-restawr tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt li jibbażaw fuq ***infrastrutturi,*** soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima ***u tal-ikel, id-diplomazija dwar l-oċeani bbażata fuq il-multiplikazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali, SFPAs u Ftehimiet kummerċjali***, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni ***tal-partijiet ikkonċernati u l-kumpaniji tal-Unjoni*** u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.
	Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-proċess ta' validazzjoni tal-Kummissjoni għall-Pjanijiet SNR jenħtieġ li jirrispetta l-kompetenzi distinti tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali. Dan jinkludi r-rwoli tagħhom fl-ipprogrammar, l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-programmi ta' appoġġ, f'konformità sħiħa mal-qafas kostituzzjonali intern ta' kull Stat Membru.
	Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***Għandu jkun possibbli li jiġu appoġġati*** azzjonijiet relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu ***għall-kisba tal-objettivi*** ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluża t-tranżizzjoni enerġetika ***għas-setturi kollha***.	(8) ***L-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw*** azzjonijiet relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu ***għall-kompetittività, l-ekonomija u l-impjiegi tal-Unjoni, il-vitalità tat-territorji Ewropej, l-objettivi*** ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, ***l-awtonomija strateġika tal-Unjoni*** inkluża t-tranżizzjoni enerġetika ***għal dawk is-setturi, kif ukoll il-preżenza, id-diplomazija u s-setgħa ta' persważjoni tal-Unjoni fuq l-oċeani***.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu u japplikaw regoli speċifiċi għas-settur li jispeċifikaw jekk huwiex fattibbli jew xieraq li jiġi applikat il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għas-sajd, l-akkwakultura u attivitajiet relatati biex tiġi evitata kwalunkwe interpretazzjoni legali li tista' tirrestrinġi l-finanzjament għal dawk l-attivitajiet. Barra minn hekk, jekk għandu jiġi applikat il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", dan jenħtieġ li jqis l-impatt ta' soluzzjonijiet alternattivi fil-livell globali, speċjalment jekk ikollhom impatt akbar minn dak tal-Unjoni, bħall-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-importazzjonijiet ta' prodotti akkwatiċi.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) L-Istati Membri jenħtieġ li jispeċifikaw ukoll jekk il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri huwiex fattibbli jew xieraq li jiġi applikat fid-dawl tad-diffikultajiet li jiffaċċjaw xi setturi ewlenin, inklużi s-sajd u l-agrikoltura, fir-rigward tal-attirar tal-ħaddiema u t-tiġdid ġenerazzjonali.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 8c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8c) Meta jiġi applikat il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" propost mill-Kummissjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-ħtieġa li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti għall-programmi jew l-istrumenti kkonċernati f'konformità mal-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, il-ħtieġa li tiġi evitata d-duplikazzjoni jew kwalunkwe obbligu ġdid li jmur lil hinn mil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni, il-livelli għoljin ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent previsti fil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni, il-piż amministrattiv u ta' rapportar fuq l-awtoritajiet u l-benefiċjarji, il-perkorsi ta' dekarbonizzazzjoni u l-istrateġiji ta' tranżizzjoni tal-enerġija tas-setturi kkonċernati u l-prinċipju tal-proporzjonalità. L-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura li diġà jikkonformaw

mar-rekwiżiti tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) jenħtieġ li jitqiesu li jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti".

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (OKS) għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, kif stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1379/2013, hija pilastru ewlieni tal-Politika Komuni tas-Sajd u għandha rwol vitali fl-iżgurar tal-istabbiltà u t-trasparenza tas-swieq tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom iqisu l-appoġġ tal-Pjan SNR tagħhom, b'mod partikolari ***għall-istabbiliment*** u t-tisħiħ tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, il-ġbir u d-disseminazzjoni tad-data tas-suq fil-livell nazzjonali.	(9) L-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (OKS) għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, kif stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1379/2013, hija pilastru ewlieni tal-Politika Komuni tas-Sajd u għandha rwol vitali fl-iżgurar tal-istabbiltà***, il-prevedibbiltà*** u t-trasparenza tas-swieq tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom iqisu l-appoġġ tal-Pjan SNR tagħhom, b'mod partikolari ***għal QFP aktar sempliċi u mmirat li jilħaq il-bilanċ it-tajjeb bejn l-inċentivi, l-investimenti u r-regolamentazzjoni kif ukoll bejn ċerta stabbiltà tal-prezzijiet għall-konsumaturi tal-Unjoni, filwaqt li jippermetti introjtu suffiċjenti għas-sajjieda u l-produtturi tal-akkwakultura, kif ukoll il-katina tal-valur globali fl-Unjoni, li hija attraenti biżżejjed biex tippermetti tiġdid ġenerazzjonali, l-istabbiliment*** u t-tisħiħ tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, il-ġbir u d-disseminazzjoni tad-data tas-suq fil-livell nazzjonali.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-Politika Komuni tas-Sajd hija bbażata fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq ix-xjenza ***u t-twettiq*** ta' kontrolli adegwati u fuq l-ebda tolleranza għas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat. L-Istati Membri jenħtieġ jiġu appoġġati biex ***jimplimentaw il-leġiżlazzjoni*** korrispondenti tal-UE u jiżguraw li l-attivitajiet f'dawn l-oqsma ***jkunu*** ppjanati.	(10) Il-Politika Komuni tas-Sajd hija bbażata fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq ix-xjenza***, konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, it-twettiq*** ta' kontrolli adegwati u fuq l-ebda tolleranza għas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat. L-Istati Membri jenħtieġ jiġu appoġġati biex ***itejbu l-ġbir tad-data u l-pariri xjentifiċi li huma essenzjali għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni*** korrispondenti tal-UE ***t-tajba*** u ***biex*** jiżguraw li l-attivitajiet f'dawn l-oqsma ***jinżammu jew ikunu*** ppjanati ***b'viżjoni fuq medda qasira u twila ta' żmien***.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [il-Fond SNR], u b'mod partikolari l-punt (d) tiegħu. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi ***għall-attivitajiet kif stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani u*** għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [il-Fond SNR], u b'mod partikolari l-punt (d) tiegħu. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi ***bi prijorità*** għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut fil-qafas tal-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali, inkluż il-Faċilità tal-UE f'konformità mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond u stabbiliti fir-Regolament (UE) [...] [il-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali].	Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut fil-qafas ***tal-Fond għall-Kompetittività, ta' Ewropa Globali u*** tal-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali, inkluż il-Faċilità tal-UE f'konformità mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond u stabbiliti fir-Regolament (UE) [...] [il-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali].

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 2	***imħassar***
Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni	
1. L-appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2(d) tar-[Regolament SNR].	

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd***,*** ***għall-Patt Ewropew għall-Oċeani*** u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni	Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. L-appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd u għall-politika marittima u tal-akkwakultura tal-Unjoni għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2, il-punt (d), tar-[Regolament SNR].

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-bżonnijiet speċifiċi tas-sajd***,*** tal-akkwakultura ***u tal-komunitajiet kostali u b'mod partikolari tas-sajd kostali*** fuq skala żgħira f'konformità mal-Artikolu ***22(2)(i)*** tar-[Regolament SNR].	1. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom***, bi prijorità,*** iqisu l-bżonnijiet speċifiċi tas-sajd ***u*** tal-akkwakultura***, inkluż is-sajd*** fuq skala żgħira f'konformità mal-Artikolu ***22(2), il-punt (g)(iii),*** tar-[Regolament SNR] ***kif ukoll l-attivitajiet u l-popolazzjoni kollha li jibbażaw fuq dawk l-attivitajiet bħal komunitajiet kostali jew reġjuni ultraperiferiċi u territorji barranin***.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-kontribut għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali tal-operazzjonijiet tas-sajd ***u l-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd tal-flotot u l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli kif irrappurtati kull sena mill-Istati Membri*** f'konformità ***mal-Artikolu 22(2) tar-Regolament*** (UE) Nru 1380/2013.	2. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-kontribut għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali tal-operazzjonijiet tas-sajd f'konformità ***mar-Regolament*** (UE) Nru 1380/2013.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta jkun fattibbli u xieraq fid-dawl tar-regoli speċifiċi għas-settur applikabbli, il-programmi u l-attivitajiet għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri filwaqt li jqisu l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u abbażi ta' metodoloġija xierqa għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri.

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

4. Applikazzjoni għall-appoġġ sottomessa minn applikant għandha tkun inammissibbli għal mill-inqas iż-żmien kif definit fl-att delegat kif imsemmi fl-Artikolu XX tar-Regolament XX [il-Fond SNR] (Sistema ta' kontroll għall-intendenza tal-azjendi agrikoli) jekk ikun ġie ddeterminat mill-awtorità kompetenti li l-applikant ikkonċernat:	***imħassar***
(a) ikun wettaq ksur serju skont l-Artikolu 42 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008(30) jew l-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jew skont leġiżlazzjoni oħra adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-PKS;	
(b) kien involut fl-operazzjoni, fil-ġestjoni jew fis-sjieda ta' bastiment tas-sajd inkluż fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 40(3) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, jew ta' bastiment li jtajjar il-bandiera ta' pajjiżi identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx kif stipulat fl-Artikolu 33 ta' dak ir-Regolament; jew	
(c) ikun wettaq kwalunkwe reat ambjentali stabbilit fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(31), meta l-applikazzjoni għall-appoġġ tkun ġiet sottomessa għall-interventi speċifiċi tal-akkwakultura.	
Għall-finijiet tal-verifika msemmija fl-ewwel subparagrafu (a) ta' dan il-paragrafu, Stat Membru għandu jipprovdi, wara talba minn Stat Membru ieħor, l-informazzjoni li tkun tinsab fir-reġistru nazzjonali tiegħu tal-ksur imsemmi fl-Artikolu 93 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.	

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Kummissjoni, jew l-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti, għandhom jibbażaw l-eliġibbiltà ta' attività taħt il-baġit biss fuq ir-regoli speċifiċi għas-settur u ma għandhomx ikunu ristretti mid-definizzjoni tal-oqsma ta' intervent jew mill-applikazzjoni ta' prinċipji orizzontali, li huma stabbiliti biss għall-finijiet ta' traċċar tan-nefqa u monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-baġit.* ***L-Istati Membri ma għandhomx jużaw il-qafas ta' traċċar u prestazzjoni tan-nefqa baġitarja bħala kundizzjoni ta' aċċess għall-finanzjament, u lanqas ma għandu jintuża biex jiġu ddeterminati, influwenzati jew ristretti l-allokazzjoni, id-distribuzzjoni jew l-implimentazzjoni ta' finanzjament tal-Unjoni bejn l-amministrazzjonijiet jew fir-rigward tal-benefiċjarji. ***L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu u japplikaw regoli speċifiċi għas-settur li jispeċifikaw jekk huwiex fattibbli jew xieraq li jiġi applikat il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għas-sajd, l-akkwakultura u attivitajiet relatati biex tiġi evitata kwalunkwe interpretazzjoni legali li tista' tirrestrinġi l-finanzjament għal dawk l-attivitajiet. Jekk, għandu jiġi applikat il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", dan għandu jqis l-impatt ta' soluzzjonijiet alternattivi fil-livell globali, speċjalment jekk ikollhom impatt akbar minn dak tal-Unjoni, bħall-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-importazzjonijiet ta' prodotti akkwatiċi.*** ***L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw ukoll jekk il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri huwiex fattibbli jew xieraq li jiġi applikat fid-dawl tad-diffikultajiet li jiffaċċjaw xi setturi ewlenin, inklużi s-sajd u l-agrikoltura, fir-rigward tal-attirar tal-***

ħaddiema u t-tiġdid ġenerazzjonali.

Meta jiġi applikat il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" propost mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom iqisu l-ħtieġa li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti għall-programmi jew l-istrumenti kkonċernati f'konformità mal-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, il-ħtieġa li tiġi evitata d-duplikazzjoni jew kwalunkwe obbligu ġdid li jmur lil hinn mil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni, il-livelli għoljin ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent previsti fil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni, il-piż amministrattiv u ta' rapportar fuq l-awtoritajiet u l-benefiċjarji, il-perkorsi ta' dekarbonizzazzjoni u l-istrateġiji ta' tranżizzjoni tal-enerġija tas-setturi kkonċernati u l-prinċipju tal-proporzjonalità. L-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura li diġà jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) għandhom jitqiesu li jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti".

Il-qafas ta' traċċar u ta' prestazzjoni tan-nefqa baġitarja stabbilit bir-Regolament 2025/0545 ma għandux japplika għal interventi tas-sajd imwettqa fir-reġjuni ultraperiferiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 349 tat-TFUE. Għall-finijiet ta' dawk l-interventi speċifiċi, l-Istati Membri għandhom ifasslu indikaturi xierqa u debitament sostanzjati li jqisu r-restrizzjonijiet inerenti li jiffaċċjaw ir-reġjuni ultraperiferiċi, kif deskritt fl-Artikolu 349 tat-TFUE.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Definizzjonijiet
	Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(1) "sajd kostali fuq skala żgħira" tfisser attivitajiet tas-sajd imwettqa minn:
	(a) bastimenti tas-sajd li jissodisfaw mill-inqas tlieta mill-kriterji li ġejjin:
	(i) it-tul totali tagħhom ma jaqbiżx it-12-il metru;
	(ii) ikunu joperaw esklużivament fl-ibħra territorjali tal-Istat tal-bandiera;
	(iii) il-vjaġġi tagħhom idumu inqas minn 24 siegħa, mill-ħin tat-tluq mill-port sal-ħin tar-ritorn lejn il-port;
	(iv) l-ekwipaġġ tagħhom ma jikkonsistix minn aktar minn erba' persuni;
	(v) jużaw tagħmir tas-sajd selettiv b'impatt ambjentali baxx;
	(b) sajjieda bil-mixi, inklużi dawk li jiġbru l-frott tal-baħar bil-qoxra;
	(2) "sajjied" tfisser kwalunkwe persuna fiżika li tinvolvi ruħha f'attivitajiet tas-sajd kummerċjali, kif rikonoxxut mill-Istat Membru kkonċernat inkluż sajjieda bil-mixi, bħal dawk li jiġbru l-frott tal-baħar bil-qoxra;
	(3) "sajd" tfisser kwalunkwe persuna fiżika li tinvolvi ruħha f'attivitajiet tas-sajd kummerċjali, kif rikonoxxut mill-Istat Membru;
	(4) "ekonomija blu sostenibbli" tfisser l-attivitajiet ekonomiċi settorjali u transsettorjali kollha fis-suq intern kollu relatati mal-oċeani, l-ibħra, il-kosti u l-ilmijiet interni, li jkopru r-reġjuni insulari u ultraperiferiċi tal-Unjoni u l-pajjiżi mingħajr kosta, inklużi s-setturi emerġenti u l-oġġetti u s-servizzi mhux tas-suq, li jiżguraw is-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika fit-tul u li

huma konsistenti mal-SDGs, u b'mod partikolari l-SDG 14, u mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni;

(5) "politika marittima" tfisser politika tal-Unjoni li għandha l-għan li trawwem teħid ta' deċiżjonijiet integrat u koerenti biex jiġu massimizzati l-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali tal-Unjoni, b'mod partikolari taż-żoni kostali u insulari u tar-reġjuni ultraperiferiċi, u tas-setturi tal-ekonomija blu sostenibbli, permezz ta' politiki koerenti relatati mas-settur marittimu u kooperazzjoni internazzjonali rilevanti; politiki koerenti relatati mas-settur marittimu u kooperazzjoni internazzjonali rilevanti;

(6) "sigurtà u sorveljanza marittima" tfisser l-attivitajiet imwettqa biex jinftiehmu, jiġu pprevenuti kull fejn ikun applikabbli u ġestiti b'mod komprensiv l-avvenimenti u l-azzjonijiet kollha relatati mad-dominju marittimu li jkollhom impatt fuq l-oqsma tas-sikurezza u s-sigurtà marittima, l-infurzar tal-liġi, id-difiża, il-kontroll tal-fruntieri, il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, il-kontroll tas-sajd, il-kummerċ u l-interess ekonomiku tal-Unjoni;

(7) "network Ewropew ta' osservazzjoni u data marittima" jew "EMODnet" tfisser sħubija li tiġbor data u metadata marittima sabiex dawk ir-riżorsi frammentati jsiru aktar disponibbli u jistgħu jintużaw aktar mill-utenti pubbliċi u privati billi tiġi offruta data marittima ta' kwalità assigurata, interoperabbli u armonizzata;

(8) "ippjanar tal-ispazju marittimu" tfisser proċess li bih l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru janalizzaw u jorganizzaw l-attivitajiet tal-bniedem f'żoni tal-baħar biex jintlaħqu l-objettivi ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali;

(9) "osservazzjoni tal-oċeani" tfisser il-pedament tal-għarfien kollu dwar il-baħar. Din tifforma l-bażi tal-fehim tal-

ekosistemi tal-baħar u l-fatturi li jinfluwenzawhom. Hija tipprovdi data kritika għall-previżjonijiet meteoroloġiċi, l-istrateġiji ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima, il-monitoraġġ ta' avvenimenti estremi, is-sigurtà ċivili, il-kundizzjoni tal-baħar, l-għargħar, it-tbaħħir marittimu, l-enerġija lil hinn mill-kosta, is-sajd u l-akkwakultura u dejjem aktar is-sigurtà u d-difiża. Hija toħloq il-pedament għat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza u tipprovdi informazzjoni kruċjali dwar kif l-attivitajiet tal-bniedem jinfluwenzaw is-saħħa tal-oċeani u liema servizzi l-oċean jipprovdi lis-soċjetajiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Trasferit mill-Artikolu 4 tal-proposta tal-PSNR (2025/0240(COD))

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3b
	Kundizzjonalità tar-riformi u ambitu tal-azzjonijiet settorjali
	Ir-rekwiżiti u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull politika settorjali għandhom japplikaw biss għall-miżuri inklużi fil-kapitolu li jikkorrispondi għal dik il-politika. Ma għandhom jiġu estiżi fl-ebda ċirkostanza għal miżuri f'oqsma oħra. Il-finanzjament tal-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża jista' jkun biss kundizzjonali fuq it-twettiq ta' stadji importanti u miri marbuta ma' riformi speċifiċi fil-livell nazzjonali meta jintwera li tali riformi huma proporzjonati, ikkalibrati sew, għandhom rabta diretta u

dimostrabbli mal-objettivi tal-politiki rilevanti tal-Unjoni, u huma stabbiliti fil-livell xieraq ta' kompetenza.

L-awtoritajiet reġjonali u lokali, kif ukoll benefiċjarji oħra, ma għandhomx jiġu penalizzati, u lanqas il-finanzjament tagħhom ma għandu jiġi sospiż jew imnaqqas, u lanqas ma għandhom jinżammu responsabbli għan-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' riformi li jaqgħu esklużivament fil-livell nazzjonali u huma barra mill-isfera ta' kompetenza jew responsabbiltà tagħhom. Ir-riformi nazzjonali jistgħu jimponu kundizzjonijiet fuq investimenti subnazzjonali biss meta dawk ir-riformi jkollhom impatt lokali dirett li jikkontribwixxi għall-objettivi tal-politika ta' koeżjoni jew jiġġeneraw benefiċċji transfruntiera ċari għall-Unjoni kollha.

Għad-determinazzjoni ta' dan l-impatt lokali dirett, l-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom jivvalutaw jekk dawn ir-riformi għandhomx impatt lokali dirett. Barra minn hekk, l-awtoritajiet reġjonali u lokali jistgħu jaqblu li r-riformi jew l-azzjonijiet subnazzjonali għandhom jimponu kundizzjonijiet fuq stadji importanti u miri speċifiċi, dment li tali ftehim jiġi adottat f'konformità mal-qafas istituzzjonali u r-regoli dwar il-governanza f'diversi livelli ta' kull Stat Membru.

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3c
	Baġit

Il-pakkett finanzjarju ddedikat għas-sajd u l-akkwakultura għandu jiġi allokat kif ġej:

(1) mill-inqas EUR 7 290 000 000 għandhom jiġu allokati għall-miżuri stipulati fil-punt (6) ta' dan l-Artikolu;

(2) mill-inqas EUR 6 500 000 000 għal interventi elenkati fl-Artikolu 3d ta' dan ir-Regolament;

(3) mill-inqas EUR 71 933 000 000 għandhom jiġu allokati għall-Faċilità msemmija fit-Titolu IV tar-[Regolament SNR]; ammont minimu ta' EUR 1 000 000 000 għandu jiġi allokat taħt il-Faċilità tal-UE għal azzjonijiet tal-Unjoni li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd;

(4) il-perċentwal tal-kontribuzzjoni nazzjonali li jikkorrispondi għall-interventi msemmija fl-Artikolu 3d ta' dan ir-Regolament ma għandux ikun inqas minn 30 %, bl-eċċezzjoni tal-kumpens għal kostijiet addizzjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi, f'dak il-każ ma jkunx hemm kontribuzzjoni nazzjonali;

(5) L-Istati Membri jistgħu jippermettu kofinanzjament privat ta' interventi appoġġati taħt il-pjan, dment li tali kontribuzzjonijiet jiġu mobilizzati b'mod konsistenti mal-objettivi ta' żvilupp territorjali tal-pjan, filwaqt li jiġi żgurat li l-investiment privat jikkontribwixxi għall-iżvilupp reġjonali fit-tul, isaħħaħ l-ekosistemi ekonomiċi lokali u jappoġġa l-objettivi ta' koeżjoni aktar milli l-interessi kummerċjali fuq medda qasira ta' żmien. Il-kontribuzzjonijiet privatigħandhom ikunu trasparenti, traċċabbli u konsistenti mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat u l-kriterji tal-interess pubbliku;

(6) L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ukoll li l-Fond Ewropew għall-Kompetittività jintuża għal objettivi industrijali fit-tul marbuta ma' infrastrutturi jew mal-modernizzazzjoni jew id-dekarbonizzazzjoni tal-flotta tas-

sajd;

(7) l-allokazzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu għandhom jikkostitwixxu pakketti finanzjarji nazzjonali minimi u ma għandhomx jitnaqqsu, jiġu riallokati jew ittrasferiti lejn oqsma oħra ta' politika fil-Pjan SNR.

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 3d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3d
	Tipi ta' intervent taħt il-Politika Komuni tas-Sajd
	L-interventi taħt il-Politika Komuni tas-Sajd jinkludu:
	(1) appoġġ għas-sajd u l-akkwakultura sostenibbli, u r-restawr, il-protezzjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi akkwatiċi, il-bijodiversità u l-ekosistemi akkwatiċi marbuta mal-ħtiġijiet tas-sajd u l-akkwakultura, inkluż il-waqfien temporanju u permanenti, it-tranżizzjoni tal-enerġija, it-tiġdid tal-flotta u t-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura, kif ukoll miżuri biex jittejbu s-sikurezza u l-kundizzjonijiet tal-għajxien abbord il-bastimenti;
	(2) appoġġ għall-innovazzjoni fi prattiki tas-sajd aktar selettivi u għall-innovazzjoni għall-konservazzjoni, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi akkwatiċi;
	(3) appoġġ għall-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS);
	(4) appoġġ għas-sajjieda jew għall-produtturi tal-akkwakultura biex jikkumpensaw lill-operaturi tas-settur tas-

sajd u tal-akkwakultura għat-telf ta' introjtu jew għall-kostijiet addizzjonali tagħhom, u kumpens għal organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti u assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi li jaħżnu l-prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013, dment li dawn il-prodotti jinħażnu f'konformità mal-Artikoli 30 u 31 ta' dak ir-Regolament;

(5) appoġġ għas-sajjieda u għall-produtturi tal-akkwakultura li jiffaċċjaw diffikultajiet speċifiċi bħal dawk ikkawżati minn speċi invażivi u predaturi protetti;

(6) appoġġ għas-settur tal-mili f'laned u tal-ipproċessar;

(7) appoġġ għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità, b'mod partikolari l-Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd (FLAGs);

(8) appoġġ għal attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni biex jiġi promoss il-konsum ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Trasferit mill-Artikolu 35(11) tal-proposta tal-PSNR (2025/0240(COD))

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 3e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3e
	Programm POSEI tas-sajd għar-reġjuni ultraperiferiċi
	1. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri speċifiċi fil-qasam tas-sajd u l-akkwakultura — "Programm POSEI tas-Sajd" — sabiex jindirizzaw id-

diffikultajiet li jirriżultaw min-natura ultraperiferika ta' dawk ir-reġjuni, b'mod partikolari l-periferiċità, l-insularità, id-daqs żgħir, it-topografija u l-klima diffiċli, kif ukoll id-dipendenza ekonomika fuq numru limitat ta' prodotti, fir-reġjuni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li:

(a) jiżguraw il-provvista lir-reġjuni ultraperiferiċi ta' prodotti essenzjali tas-sajd u tal-akkwakultura maħsuba għall-konsum jew l-ipproċessar mill-bniedem, kif ukoll ta' inputs meħtieġa għall-attivitajiet tas-sajd, billi jnaqqsu l-kostijiet addizzjonali assoċjati mas-sitwazzjoni ultraperiferika tagħhom, mingħajr ma jaffettwaw il-produzzjoni lokali jew l-iżvilupp tagħha;

(b) iżommu u jiżviluppaw b'mod sostenibbli l-katina tal-provvista tas-sajd u tal-akkwakultura, inkluż il-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti lokali;

(c) jikkontribwixxu, fejn xieraq, għall-finanzjament tat-tiġdid tal-flotot tas-sajd f'dawk ir-reġjuni.

2. Il-Programm POSEI tas-Sajd għandu jinkludi:

(a) skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni u tabella finanzjarja annwali indikattiva li tiġbor fil-qosor ir-riżorsi li għandhom jiġu mobilizzati;

(b) ġustifikazzjoni tal-kompatibbiltà u l-koerenza tad-diversi miżuri tal-programm, kif ukoll il-kriterji u l-indikaturi kwantitattivi użati għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni;

(c) dispożizzjonijiet li jiżguraw implimentazzjoni effettiva;

(d) il-ħatra ta' awtoritajiet kompetenti u korpi responsabbli mill-implimentazzjoni tal-Programm, u l-ħatra, fil-livelli xierqa, ta' awtoritajiet jew ta' korpi assoċjati u s-sħab soċjoekonomiċi, kif ukoll ir-riżultati

tal-konsultazzjonijiet imwettqa. Il-miżuri proposti mill-Istati Membri fil-Programm POSEI tas-Sajd tagħhom għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni qabel ma jiġu implimentati.

3. L-ammont minimu allokat għal dawn il-miżuri għandu jkun ta' EUR 362 000 000.

4. L-Istati Membri jistgħu jagħtu finanzjament addizzjonali għall-implimentazzjoni tal-Programmi POSEI tas-Sajd. Tali għajnuna tista' tieħu l-forma ta' għajnuna operatorja fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, sabiex jittaffew ir-restrizzjonijiet speċifiċi ta' dawk ir-reġjuni marbuta mal-iżolament, l-insularità jew il-periferiċità tagħhom. F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-għajnuna mill-Istat lill-Kummissjoni, li tista' tapprovaha skont dan ir-Regolament taħt kull Programm POSEI tas-Sajd. L-għajnuna mill-Istat notifikata b'dan il-mod għandha titqies li ġiet notifikata skont it-tifsira tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 3f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3f
	Pagamenti ta' kriżi lis-sajjieda u lill-produtturi tal-akkwakultura f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali
	1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti ta' kriżi lis-sajjieda u lill-produtturi tal-akkwakultura li huma affettwati minn sitwazzjonijiet ta'

emerġenza eċċezzjonali bħal diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi, katastrofi jew sitwazzjonijiet oħra ta' kriżi. Tali pagamenti għandhom ikunu maħsuba biex jiżguraw il-kontinwità tas-sajd jew tal-akkwakultura jew ta' attivitajiet relatati u għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu u speċifikati f'aktar dettall mill-Istati Membri.

2. L-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu għandha tkun soġġetta għal rikonoxximent formali mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-okkorrenza ta' sitwazzjoni ta' emerġenza eċċezzjonali bħal diżastru naturali, event klimatiku avvers, katastrofi jew sitwazzjoni ta' kriżi oħra, kif definita minn dak l-Istat Membru, u li l-okkorrenza ta' dik is-sitwazzjoni kkawżat tfixkil sinifikanti fl-aċċess għal, u l-provvista ta' u d-domanda għal, prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li fuqhom jibbażaw l-operaturi msemmija fil-paragrafu 1, jew żieda sinifikanti fin-nefqa operatorja tagħhom bħala riżultat tal-okkorrenza tas-sitwazzjoni.

B'mod partikolari, is-sitwazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) waqfien temporanju tal-attivitajiet skont il-miżuri msemmija fl-Artikolu 7(1), il-punti (a), (b), (c), (i) u (j) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jew miżuri ta' konservazzjoni applikabbli ekwivalenti adottati minn organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd;

(b) waqfien temporanju tal-attivitajiet skont l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(c) waqfien temporanju tal-attivitajiet bħala riżultat tan-nuqqas ta' konformità ta' pajjiż terz jew territorju mal-obbligi internazzjonali tiegħu jew tal-interruzzjoni tal-applikazzjoni ta' ftehim

internazzjonali; kif ukoll

(d) waqfien temporanju tal-attivitajiet bħala riżultat ta' speċi invażivi.

3. L-operaturi għandhom jitqiesu li jibbażaw fuq il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura meta l-prodotti jew l-attivitajiet affettwati mis-sitwazzjoni jkunu ammontaw għal mill-inqas 30 % tal-attivitajiet kummerċjali annwali medji tagħhom matul il-perjodu ta' 3 snin preċedenti, jew ta' medja ta' 3 snin ibbażata fuq il-perjodu ta' 5 snin preċedenti, esklużi l-ogħla u l-inqas valuri.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-rati tal-għajnuna applikabbli biex jikkumpensaw għat-telf fil-produzzjoni, l-introjtu mitluf jew il-kostijiet addizzjonali mġarrba. Fejn xieraq, dawk ir-rati għandhom ikunu ogħla għas-sajjieda u l-produtturi tal-akkwakultura li jwettqu wkoll interventi jew miżuri preventivi oħra fil-livell tal-impriża tagħhom biex inaqqsu r-riskji relatati mal-produzzjoni u l-introjtu li għalihom tingħata l-għajnuna. L-indiċijiet jistgħu jintużaw biex jikkalkulaw it-telf fil-produzzjoni.

5. Meta jagħtu għajnuna skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat kumpens żejjed li jirriżulta mill-kombinazzjoni ta' dan l-appoġġ ma' strumenti oħra ta' għajnuna nazzjonali jew tal-Unjoni jew skemi ta' assigurazzjoni privata, u li l-kumpens ikun limitat biss għad-durata tas-sitwazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Trasferit mill-Artikolu 38 tal-proposta tal-PSNR (2025/0240(COD)).

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 3g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3g
	Sistema ta' kontroll għall-intendenza tal-azjendi agrikoli u l-politika komuni tas-sajd
	1) (a) L-Istati Membri għandhom, bħala parti mill-verifiki msemmija fl-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri] tar-[Regolament SNR], jivverifikaw li l-benefiċjarji jikkonformaw mar-rekwiżiti relatati mal-amministrazzjoni responsabbli.
	(b) Meta benefiċjarju jkun intgħażel għal verifika fuq il-post fir-rigward ta' applikazzjoni għall-għajnuna jew talba għall-pagament, l-Istati Membri għandhom, sa fejn ikun possibbli u filwaqt li jitqiesu r-riskji assoċjati, ma jagħżlux lil dak il-benefiċjarju għal aktar verifiki fuq il-post jew kampjuni ta' kontroll għal dik is-sena, dment li ċ-ċirkostanzi ma jirrikjedux aktar minn verifika waħda fuq il-post sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tnaqqas il-livell tal-verifiki.
	2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mis-sistemi ta' kontroll u infurzar tagħhom fl-oqsma tal-klima u l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-pjanti u l-benesseri tal-annimali, il-liġi soċjali u tax-xogħol, l-istandards tax-xogħol applikabbli, is-sajd u l-akkwakultura biex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-għajnuna jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel paragrafu.
	3. Fejn applikabbli, il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità għandhom jiġu notifikati lill-awtorità ta' ġestjoni jew lill-aġenzija tal-pagamenti mill-inqas darba fis-sena fejn ikunu ttieħdu deċiżjonijiet ta' infurzar f'dak ir-rigward skont is-sistemi

ta' kontroll u infurzar applikabbli msemmija fil-paragrafu 2. Tali notifika għandha tinkludi valutazzjoni u klassifikazzjoni tas-serjetà, l-ambitu, il-persistenza jew ir-ripetizzjoni u l-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità inkwistjoni.

4. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-Artikolu XX ta' dan ir-Regolament, l-għajnuna mħallsa lill-benefiċjarju għandha tiġi rkuprata u l-applikazzjoni għall-għajnuna ppreżentata minn benefiċjarju għandha tkun inammissibbli għal perjodu ta' żmien speċifikat, jekk dan ikun ġie stabbilit, permezz ta' deċiżjoni finali tal-awtorità kompetenti kkonċernata, li l-benefiċjarju wettaq frodi.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni tingħata biss jekk ma jkunux ġew imposti penali fuq l-operatur għal ksur serju skont l-Artikolu 42 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 jew l-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jew skont leġiżlazzjoni oħra adottata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-qafas tal-PKS matul is-sena ta' qabel id-data tal-applikazzjoni għal tali assistenza.

6. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri u l-effettività, il-proporzjonalità u l-effett dissważiv tal-irkupru u l-inammissibbiltà msemmija fil-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 4a, li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jiddeterminaw il-limitu li jiskatta l-ineliġibbiltà u d-durata ta' żmien ta' tali ineliġibbiltà, inklużi l-limiti li jiskattawha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Trasferit mill-Artikolu 62 tal-proposta tal-PSNR (2025/0240(COD)).

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 3h (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3h
	Għajnuna mill-Istat
	1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan l-Artikolu, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE għandhom japplikaw għall-appoġġ mogħti skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tat-tipi ta' interventi stabbiliti fil-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu IIa ta' dak ir-Regolament, jew għall-għajnuna mogħtija mill-Istati Membri lill-impriżi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tal-Unjoni.
	2. L-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE ma għandhomx japplikaw għal għajnuna mħallsa mill-Istati Membri skont u f'konformità ma' dan ir-Regolament; għall-kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet eliġibbli pprovduti mill-Istati Membri għall-interventi msemmija fl-Artikolu 35(1), il-punti (d) sa (f) u (h) sa (r) tar-[Regolament SNR]; għal finanzjament nazzjonali addizzjonali mogħti għal interventi msemmija fl-Artikolu 35(1), il-punti (d) sa (f) u (h) sa (r) tar-[Regolament SNR], li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE; lanqas għal għajnuna mogħtija mill-Istati Membri lil impriżi fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura tal-Unjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE.
	3. L-għajnuna mogħtija mill-Istati Membri kif imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fir-rigward ta'

operazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE li jkunu maħsuba biex jipprovdu finanzjament addizzjonali għall-interventi msemmija fl-Artikolu 35(1), il-punti (d), (e) u (f) u (h) sa (r), tar-[Regolament SNR], li għalihom tingħata l-għajnuna mill-Unjoni fi kwalunkwe ħin matul il-perjodu tal-pjan, tista' tingħata biss jekk tkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u tkun stabbilita fil-Pjan SNR.

4. L-Istati Membri ma għandhomx jipprovdu finanzjament nazzjonali addizzjonali għall-interventi msemmija fl-Artikolu 35(1), il-punti (a), (b), (c) u (g), tar-[Regolament SNR].

5. Fil-każ ta' prodotti agrikoli, tas-sajd u tal-akkwakultura koperti mill-Anness I tat-TFUE, li għalihom japplikaw l-Artikoli 107, 108 u 109 tiegħu, il-Kummissjoni tista' tawtorizza, f'konformità mal-Artikolu 108 tat-TFUE, għajnuna operatorja fis-setturi tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' dawk il-prodotti, sabiex jittaffew ir-restrizzjonijiet speċifiċi fuq il-produzzjoni agrikola, tas-sajd u tal-akkwakultura fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri tal-Eġew bħala riżultat tal-iżolament, l-insularità, id-daqs żgħir u l-periferiċità tagħhom.

L-Istati Membri jistgħu jagħtu finanzjament addizzjonali għall-implimentazzjoni ta' interventi fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri tal-Eġew f'konformità ma' dan ir-Regolament. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-finanzjament addizzjonali, u l-Kummissjoni tista' tapprovah, f'konformità ma' dan ir-Regolament, bħala parti mill-pjanijiet. Għalhekk, l-għajnuna notifikata għandha titqies li ġiet notifikata għall-finijiet tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 108(3) tat-

TFUE.

6. L-appoġġ jista' jkopri s-suċċessjoni tal-bastimenti tas-sajd, inkluż it-trasferiment tas-sjieda ta' bastiment jew ta' sehem kontrollanti minnu, sabiex jiffaċilita t-tiġdid ġenerazzjonali u l-kontinwità tal-attivitajiet tas-sajd.

7. B'deroga mir-Regolament (UE) Nru 1380/2013, b'mod partikolari l-Artikolu 22 tiegħu, l-appoġġ skont dan l-Artikolu jista' jinkludi s-suċċessjoni, it-trasferiment jew l-akkwist ta' bastimenti tas-sajd, dment li dan l-appoġġ ma jirriżultax f'żieda fil-kapaċità tas-sajd u jkun konsistenti mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament.

8. Minkejja l-Artikolu 211 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006[20], l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE ma għandhomx japplikaw għal pagamenti maħsuba biex jappoġġaw il-produzzjoni agrikola lokali jew għal arranġamenti speċifiċi ta' provvista implimentati mill-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Trasferit mill-Artikolu 85 tal-proposta tal-PSNR (2025/0240(COD))

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ għall-flotta tas-sajd jew għall-operaturi tas-sajd li ma jikkonformax ***mal-ftehim tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd u*** mal-objettivi tal-PKS kif imsemmi fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS ma għandux	1. L-appoġġ għall-flotta tas-sajd jew għall-operaturi tas-sajd li ma jikkonformax mal-objettivi tal-PKS kif imsemmi fl-Artikolu 43(2) tat-TFUE, u fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS ma għandux

jiġi appoġġat.	jiġi appoġġat.

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-trasferiment jew il-bdil tal-bandiera ta' bastimenti tas-sajd lejn pajjiżi terzi, inkluż permezz tal-ħolqien ta' impriżi konġunti ma' sħab ta' pajjiżi terzi u t-trasferiment tas-sjieda ta' negozju mhumiex eliġibbli biex jirċievu appoġġ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-estrazzjoni minerarja f'baħar fond ma għandhiex tiġi appoġġata.	***imħassar***

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Eżerċizzju tad-delega
	1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati

hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3g(6) għal perijodu ta' 7 snin minn … [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 3g(6) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. L-att delegat adottat skont l-Artikolu 3g(6) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien 3 xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi 3 xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

7. Kwalunkwe gwida jew linji gwida mill-Kummissjoni li jakkumpanjaw ir-Regolamenti QFP pereżempju kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament

2025/0545 għandhom ikunu maħsuba biss biex jipprovdu informazzjoni lill-Istati Membri u lill-benefiċjarji potenzjali tal-fondi u ma għandhomx jintużaw bħala bażi għal talba għal interpretazzjoni legali fil-każ ta' proċedimenti legali.

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għat-tkomplija jew il-modifika tal-azzjonijiet u l-kundizzjonijiet relatati ma' miżuri speċifiċi, sal-għeluq tagħhom, skont ir-Regolament (UE) 2021/1139.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) jipprovdi opportunità kruċjali biex jiġi żgurat li s-setturi tas-sajd u l-akkwakultura tal-Unjoni jibqgħu reżiljenti, kompetittivi u sostenibbli, filwaqt li jkomplu jappoġġaw l-għajxien tal-komunitajiet kostali u r-reġjuni ultraperiferiċi li jiddependu ħafna minn dawn l-attivitajiet. F'dan il-kuntest, ir-rapporteur iqis ir-regolament settorjali propost dwar is-sajd bħala essenzjali biex jirrifletti l-prijoritajiet tas-Sajd u l-Akkwakultura. Il-proposta tal-Kummissjoni mhijiex qed tirrifletti l-ambizzjoni li tfittex li ssaħħaħ dawk is-setturi u jeħtieġ li tirrifletti aħjar il-kompetittività, is-sostenibbiltà, ir-realtajiet ekonomiċi u l-viżjonijiet fit-tul flimkien mal-objettivi ambjentali.

Il-prijorità ewlenija ta' dan ir-rapport hija li tiġi żgurata s-simplifikazzjoni għall-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati kif ukoll il-koerenza fl-istrumenti tal-Unjoni. Għalhekk, ir-rapporteur jappoġġa t-trasferiment u l-integrazzjoni mmirati tad-dispożizzjonijiet rilevanti mir-Regolament SNR f'dan ir-regolament settorjali, bil-għan li tiġi ssimplifikata l-arkitettura legali u tiġi evitata l-frammentazzjoni. Dan l-approċċ se jsaħħaħ iċ-ċarezza għall-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, inaqqas il-piż amministrattiv u jiżgura li l-mekkaniżmi ta' finanzjament joperaw b'mod aktar simplifikat u prevedibbli.

Fl-istess ħin, ir-rapporteur jissottolinja l-importanza li tingħata biżżejjed flessibbiltà lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-fondi. Is-setturi tas-sajd u l-akkwakultura jvarjaw b'mod sinifikanti fl-Unjoni, u approċċ "kulħadd f'keffa waħda" jista' jdgħajjef l-effettività. Għalhekk, l-Istati Membri jeħtiġilhom jingħataw is-setgħa li jadattaw l-investimenti għall-bżonnijiet speċifiċi tagħhom, filwaqt li jibqgħu kompletament responsabbli biex jiżguraw li r-riżorsi allokati jkunu diretti b'mod effettiv lejn l-objettivi tas-sajd u l-akkwakultura.

Madankollu, din il-flessibbiltà trid tkun akkumpanjata minn salvagwardji ċari. Il-finanzjament tal-Unjoni għandu jibqa' ddedikat bis-sħiħ għall-appoġġ tas-settur, inkluż permezz ta' investimenti li jippromwovu t-tiġdid ġenerazzjonali, il-modernizzazzjoni tal-flotot u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi bbażati fuq teknoloġiji Ewropej. Investimenti bħal dawn huma essenzjali mhux biss biex itejbu s-sikurezza, is-sostenibbiltà u l-effiċjenza, iżda wkoll biex jagħmlu s-settur aktar attraenti għall-ġenerazzjonijiet iżgħar u l-professjonisti tas-sengħa. F'dan ir-rigward, l-appoġġ pubbliku għandu jaġixxi bħala katalist biex jingrana investiment privat u pubbliku addizzjonali, u b'hekk jimmultiplika l-impatt tiegħu u jrawwem it-tkabbir fit-tul.

Ir-rapporteur jenfasizza wkoll id-dimensjoni territorjali usa' tal-politika tas-sajd. Il-komunitajiet kostali u r-reġjuni ultraperiferiċi spiss jiddependu strutturalment mis-sajd u l-akkwakultura, u jiffaċċjaw sfidi soċjoekonomiċi partikolari. L-iżgurar ta' appoġġ kontinwu u mmirat għal dawn iż-żoni huwa essenzjali biex jiġu ppreżervati l-impjiegi, tinżamm il-koeżjoni soċjali u tiġi pprevenuta d-depopolazzjoni. Għalhekk, ir-regolament għandu jirrikonoxxi b'mod espliċitu l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom u jipprovdi għodod adegwati biex jindirizzahom.

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur jisħaq fuq id-dimensjoni istituzzjonali tal-proposta. Il-Parlament Ewropew, bħala koleġiżlatur, irid jeżerċita bis-sħiħ il-prerogattivi tiegħu fit-tiswir tal-qafas legali li jirregola l-finanzjament tal-Unjoni. Kwalunkwe dispożizzjoni li tista' toħloq inċertezza legali trid tiġi eżaminata bir-reqqa u, fejn meħtieġ, riveduta. Il-qafas legali ċar, stabbli u demokratikament responsabbli huwa indispensabbli biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa

tal-politika u biex tinżamm il-fiduċja fost il-partijiet ikkonċernati.

Bħala konklużjoni, ir-rapporteur jemmen li r-regolament propost jista' jkollu rwol deċiżiv fit-tisħiħ tas-setturi tas-sajd u l-akkwakultura fl-Unjoni, dment li jiżgura koerenza, flessibbiltà, investiment immirat u rispett sħiħ għall-bilanċ istituzzjonali. Dawn l-elementi huma essenzjali biex titwettaq politika li tkun kemm effettiva kif ukoll li tħares 'il quddiem.